DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2018/1219

tat-23 ta' Awwissu 2018

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/2432 (EUNAVFOR MED/1/2018)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").

(2) Fit-13 ta' Diċembru 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2432 ([2]) biex ħatar lill-Viċi Ammirall (LH) Alberto MAFFEIS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE.

(3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rrakkomanda l-ħatra tal-Viċi Ammirall (LH) Stefano TURCHETTO biex jieħu post il-Viċi Ammirall (LH) Alberto MAFFEIS bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Forza tal-UE mit-13 ta' Settembru 2018.

(4) Fis-16 ta' Lulju 2018, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.

(5) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Viċi Ammirall (LH) Stefano TURCHETTO u jenħtieġ li titħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/2432.

(6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Viċi Ammirall (LH) Stefano TURCHETTO huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) mit-13 ta' Settembru 2018.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/2432 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 122, 19.5.2015, p. 31.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/2432 tat-13 ta' Diċembru 2017 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/1534 (EUNAVFOR MED/3/2017) (ĠU L 344, 23.12.2017, p. 20).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Settembru 2018.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Awwissu 2018.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
W. STEVENS